# Q O R T I  Ċ I V I L I
## (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

**Illum 29 ta' Mejju 2018**

Rikors ta' Revoka Nru. 205 / 16RGM

Kawża fil-lista: 14

**R T X**
**vs**
**D F X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi permezz ta' digriet moghti nhar is-17 ta' Novembru 2015, din l-Onorabbli Qorti, fost affarijiert ohra, ordnat lill-intimat D X sabiex jallontana ruhu mid-dar matrimonjali u jiehu mieghu biss l-effetti ghal uzu personali tieghu;

Illi l-istess decizjoni din l-Onorabbli Qorti tenniet hekk:-

*"Il-Qorti ezaminat il-provi li resqu l-partijiet u setghat tikkonstata sew mit-testimonjanza orali sew mir-ritratti u dokumenti ohra, illi irrispettivament mit-tortijiet da parti ta' parti jew ohra jew tat-tnejn, id-dar matrimonjali tal-partijiet tinsab fi stat manifestament taht il-livell tal-htigijiet bazici tal-bniedem irrispettivament ukoll mill-kondizzjoni medika tal-attrici.*

*Il-Qorti tosserva illi filwaqt li l-konvenut jsostni li ghandu jibqa' jirrisjedi fid-dar matrimonjali matul il-kawza ma ta l-ebda raguni ghaliex id-dar tinsab fi stat*

*daqstant nieqes mis-servizzi bazici li fis-sena 2015 wiehed jistenna li dar ghandu ikollha. Jemfasizza fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu il-konvenut illi t-talba sabiex jigi zgumbrat mid-dar matrimonjali hija intiza sabiex l-attrici tkun tista' taghmel 'make-over" tad-dar. Il-Qorti tosserva illi l-konvenut jidher li hu determinat li d-dar matrimonjali tibqa' fi stat dizastruz ghall-itwal zmien possibbli. X'inhu l-pregudizzju li donnu l-konvenut ihoss li jsofri jekk l-attrici taghmel dak li hu necessarju sabiex id-dar tigi resa decentement abitabbli ma jinghad qatt mill-konvenut. Huwa inspjegabbli ghal din il-Qorti kif il-konvenut bhal donnu jippretendi li ghandu xi dritt li jhalli d-dar matrimonjali fl-istat deplorevoli li tinsab fih. Hija prattikament ammissjoni da parti tal-konvenut illi l-presenza tieghu fid-dar matrimonjali qed timblokka l-possibilta' li d-dar tigi reza decentement abitabbli tant li jakkuza lill-attrici li qed tittenta li jigi mkecci mid-dar sabiex tkun tista' fi kliemu stesss taghmel "make-over" tad-dar. Anke hawn il-Qorti tara ammissjoni da parti tal-konvenut illi d-dar matrimonjali jehtigielha "make-over".*

Illi kif certament din l-Orrorabbli Qorti tiftakar, l-intimat anke pprova jappella minn tali decizjoni liema talba giet michuda;

Illi fil-frattemp l-esponenti bdiet, a spejjez taghha, twettaq xoghlijiet rimedjali fil-fond konjugali, li huwa wkoll fond parafernali taghha. Jinghad illi biex il-haddiema jkunu jistghu jahdmu, jehtieg illi l-imbarazz, li prova taghhom gja tinsab in atti (permezz ta' ritratti ezebiti kemm mill-esponenti kif ukoll mill-intimat), jinhareg mill-istess fond. Irid jinghad illi qabel ma' l-esponenti rmiet dan l-imbarazz, kien hemm diga' qbil bejn l-avukati illi dak li huwa mbarazz jista' jintrema;

Illi 1-esponenti qatt ma kienet puntiljuza ma' zewgha, u fil-fatt tramite l-avukat taghha, kemm il-darba staqsiet l-intimat xi jrid jiehu mid-dar. Irid jinghad illi l-intimat mhux l-affarijiet personali biss hareg mid-dar kif kien ordnat jaghmel minn din l-Onorabbli Qorti, izda qabad u ha minghajr konsultazzjoni ma' hadd l-unika pittura 1i kien hemm god-dar, arloggi antiki, laptops, tablet,etc, fi ftit kliem l-affarijiet kollha li seta' kellhom valur;

Ir-rikorrenti qatt ma kellha oggezzjoni li tiehu affarijiet mid-dar, tant hu hekk illi tramite l-avukat taghha staqsiet diversi drabi x'affarijiert ohra jixtieq li jiehu. Permezz ta' l-avukat tieghu, l-intimat kien talab illi jiehu l-kotba kollha, il-bureau, u l-affarijiet personali tieghu;

Illi sabiex zgur ma jkunx hemm nuqqas ta' ftehim, permezz ta' email intbghatu lill-avukat tal-intimat ritratti tal-affarijiet li huwa wera x-xewqa li jzomm, stivati u mwarrba b'kura biex jehodhom meta jkun komdu jaghmel dan (Dok A);

Illi l-esponenti anke baghtitlu ritratti tal-imbarazz kollu li kien hemm fil-fond matrimonjali, biex huwa jiddeciedi x'irid izomm minnu, u li fin-nuqqas hija kienet ser tiddisponi mill-istess (Dok B);

Illi sfortunatament l-intimat hass li l-fatt li l-esponenti qed twettaq ix-xogholijiet fid-dar matrimoniali a spejjez taghha, kif del resto anke giet awtorizzata minn din l-Onorabbli Qorti, b'xi mod jawtorizzah jabbuza mill-ghodda legali u jintavola l-mandat odjern u dan biex ghal darb' ohra jipprova jikkontrolla lill-martu u jtellifha milli tirranga l-fond konjugali biex ghall-inqas ikollu affarijiet bazici li huma ferm bzonjuzi tenut kont tal-kondizzionijiet medici li ssoffri minnhom;

Illi l-intimat qed jipprovar jizvija lil din l-Onorabbli Qorti u jigdeb b'mod flagranti meta fil-mandat ittenni li l-esponenti remiet xi affarijiet li huma tieghu! Tant 1-esponenti imxiet b'kawtela li anke qaghdet tiehu ritratti tal-affarijiet kollha, inkluz 1-imbarazz, u baghtithom lill-intimat biex huwa jkun jista' jiddeciedi jridx izommhom o meno u dan kif johrog bic-car minn dokument B anness;

Illi aktar minn hekk, fil-mandat ta' deskrizzjoni gew elenkati diversi oggetti illi ma humiex parti mill-komunjoni tal-akkwisti tal-konjugi X izda jappartjenu lil iben il-partijiet Christian X, li jghix gewwa l-fond fejn gie ezegwit il-mandat. Lista ta' dawn l-oggetti annessa liema lista tista' tigi guramentata minn Christian X jekk ikun il-kaz;

Illi kif certament tapprezza din l-Onorabbli Qor1i, l-esponenti dehret f’commitments u time-frames ma' diversi haddiema, u jekk dan il-mandat mhux ser jigi formalment revokat, hija mhux biss ser tkun prekluza milli tkompli bix-xoghlijiet izda anke ser tigi pregudikata, fis-sens illi ser tigi esposta ghal danni;

Illi ghaldaqstant, l-esponenti tikkontendi li fil-kaz odjern japplika s-subinciz (f) tal-Artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ghaliex:

a) kif inghad iktar 'il fuq, jekk il-mandat odjern ser jibqa' fis-sehh ser ikun ifisser li l-esponenti trid tibqa' tghix fid-dar matrimonjali minghajr lanqas il-htigijiet bazici u dan l-ghaliex hija mhux ser tkun tista' tnehhi l-imbarazz li hemm biex tkompli x-xogholijiet rimedjali bil-konsegwenza li 1-esponenti ser issofri pregudizzji kbar;
b) Prima facie mhux gustifikat;
c) il-mandat odjern, inhareg semplicement b'malizja u fic-cirkostanzi, mhux ragonevoli li jinzamm fis-sehh;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, l-esponenti umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tordna r-revoka tal-mandat ta' deskrizzjoni odjern bin-numru 217/2016 u dan ai termini tal-artikolu 836(1)(f) ;

2. Tikkundanna lill-intimat ihallas penali ta’ mhux inqas minn elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu u mhux izjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il centezmu li jmorru ghand l-esponent skont l-artikolu 836(8)(d) u dana stante li dan il-mandat inhareg b'malizzja u b'talba frivola u vessatorja;

3. F’kaz illi dina l-Onorabbli Qorti ma tilqax l-ewwel zewg talbiet, tordna lill-intimat sabiex, fi zmien perentorju stabbilit minnha, jaghti garanzija xierqa ghall-hlas ta' penali illi tista' tigi imposta u ta' danni u imghax, u fin-nuqqas tal-intimat li jobdi l-istess direzzjonijiet, tnehhi dan il-mandat ai termini tal-Artikolu 838A.

Bir-riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-esponenti skont il-ligi u bl-ispejjez ta' dina l-proceduri kontra D X.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi huwa minnu li l-esponenti gie ordnat illi jallontana ruhu mid-dar u jiehu mieghu biss l-effetti personali tieghu;

2. Illi fil-fatt l-esponenti obda l-ordni tal-Onorabbli Qorti minkejja li ma kellu mkien fejn imur joqghod u fil-fatt ha biss l-effetti personali tieghu, b'dan illi halla fid-dar matrimonjali affarijiet li jaghmlu parti mill-komunjoni tal-akkwisti kif ukoll affarijiet parafernali tieghu;

3. Illi l-oggetti li semmew fir-rikors tal-attrici fil-paragrafu hamsa huma oggetti li kienu ta' omm l-esponenti Erminia X (mejta), li waqt illi kienet ghadha hajja affdathom lill-esponenti biex jirranghom u ghalhekk dawn gew mpoggiha lura lid-dar taghha stess. Ghar-rigward il-lap tops kif taf ben tajjeb l-attrici, l-esponenti jahdem fid-dipartiment tal-e-learning u ghalhekk li jkollu spiss apparat li l-gvern jaghti lill-ghalliema minn zmien ghal zmien li jkun afdat f’idejh bhalma kien il-laptops u tablet;

4. Illi mhu veru xejn li kien hemm qbil mal-avukati tal-konvenut li jistaw jintremew xi affarijiet ghax bhala fatt x'inhu imbarazz huwa suggettiv ghax dak li huwa imbarazz ghal persuna mhux necessarjament huma mbarazz ghall haddiehor

ghax bhala fatt l-avukat tal-attrici ukoll qalet li r-rota li hija parafernali tal-konvenut huwa imbarazz meta fil-fatt Christian X hareg bl-istess rota waqt il-pellegrinagg il-Hadd 11 ta' Settembru 2016 u ghalhekk zgur li m'hijiex imbarazz;

5. Illi fil-fatt l-avukati tal-esponenti informaw lill-avukat tal-attrici illi huma ma setghewx jghidulha x'jista' jintrema jew le meta hi saqsithom ghax jrid jkun l-istess konvenut li jaghmel din id-decizjoni u ghalhekk l-istess avukat bghatet l-e-mail;

6. Illi l-esponenti lanqas ghandu fejn joqghod u wisq anqas m'ghandux fejn jerfa' xejn u ghalhekk zgur ma jistax jiehu xi affarijiet fil-prezent;

7. Illi bhala fatt l-istess konvenut ma tahiex permess tarmi xejn ghax fl-e-mail li ntbghat bhala risposta indika li hadd mill-partijiet m'ghandu d-dritt li jiddetermina kif l-affarijiet tal-komunjoni ghandhom jigu mqassmin u l-fatt li l-esponenti gie allontanat mid-dar m'ghandux ukoll jitltef id-dritt ta' nofs l-affarijiet li huma tal-komunjoni kif ukoll l-affarijiet personali tieghu li ghadhom fid-dar;

8. Illi m'hu veru xejn li l-konvenut qieghed jizvija lil din l-Onorabbli Qorti u jigdeb b'mod flagranti ghax dan huwa biss mezz biex l-attrici tipprova titfa' dell ikrah fuq il-konvenut, ghax bhala fatt l-attrici bghatet ir-ritratti lill-intimat wara li l-esponenti kien gia ra li bdew hergin affarijiet mid-dar u jintremew meta kien ghaddej mit-triq fl-4 ta' Settembru 2016 u wara li ra lit-tifel bir-rota fil-11 ta' Settembru 2016 (fejn sar rapport bin-numru 7/P/4210/2016) u mhux qabel;

9. Illi l-esponenti m'ghandux oggezzjoni li l-attrici taghmel xi xogholijiet izda dan ma jfissirx li l-affarijiet ghandhom jintremew ghax wiehed jista' jressaq l-affarijiet u mhux jarmihom bhal ma' diga gie ndikat li sar fil-paragrafu erba' tar-rikors meta tghid "...illi qabel ma' l-esponenti rmiet dan l-imbarazz, kien hemm diga' qbil bejn l-avukati illi dak li huwa mbarazz jista' jintrema;"

10. Illi jekk wiehed jara il-lista annessa mar-rikors li jindikaw li huma affarijiet tat-tifel Christian X, liema lista possibilment tinkludi xi affarijiet tal-esponenti, wiehed ma jistax ma jinnotax li dan ukoll ghandu affarijiet li huma pjuttost goffi bhalma huma 4 rims ta' mini minor, 2 front seats, box filled with mini minor car parts fost ohrajn u allura wiehed jghid ghaliex l-affarijiet tal-esponenti qeghdin jikkawzaw dawn il-problemi waqt li dawn l-oggetti qeghdin jinzammu minghajr oggezzjoni u allura dan jikkonferma bic-car illi hafna mill-oggetti goffi li kien hemm u ghadhom id-dar, kif ukoll l-affarijiiet li jinzammu bla ordni huma affarijiet tat-tifel;

11. Illi l-mandat ta' deskrizzjoni huwa l-uniku mezz li l-esponenti jista' jizgura li l-affarijiet li halla fid-dar matrimonjali ma jigux b'xi mod mormija, mibjughin, jew mehuda mill-fond u ghalhekk zgur jkun ta' pregudizzju ferm akbar ghal-esponenti li r-rikors tar-revoka tal-mandat ta' deskrizzjoni jigi milqugh ghax ma jkollux indikazzjoni tal-mobbli li jappartjenu lilu jew lil komunjoni;

12. Illi ma jezisti ebda raguni ghalfejn il-mandat ta' deskrizzjoni ghandu jigi revokat ghax l-attrici tista' taghmel ix-xogholijiet kollha li hemm bzonn, dment li ma taqbadx u tiddisponi mill-affarijiiet li hemm fid-dar. Dawn l-affarijiet huma ukoll l-affarijiet tal-esponenti, u ghalkemm ma kellhiex dritt, l-attrici ddikjarat fil-paragrafu erbgha tar-rikors tar-revoka datat 20 ta' Settembru 2016 li huwa vera li kienet qieghda tarmi l-affarijiet. L-attrici pprovat tqarraq billi tghid li kien hemm qbil mal-avukati tal-konvenut izda dan mhu vera xejn ghax ma kien hemm ebda ftehim. Ghalhekk l-mandat ta' deskrizzjoni li huwa biss lista tal-oggetti huwa ben gustifikat;

13. Illi m'hu veru xejn li dan il-mandat inhareg sempliciment b'malizja ghax bhala fatt l-esponenti gie allontanat mid-dar f'Dicembru tal-2015 u dan il-mandat gie ipprezentat f'Settembru 2016, wara disa' xhur shah u l-motivazzjoni ghal dan il-ghan, dan kien propju li ra bulky items wara l-bieb fl-4 ta' Settembru 2016 u allura beza' li qeghdin jinhargu l-affarijiet personali tieghu u li ra fil-11 ta' Settembru 2016, li l-affariiiet personali tieghu kien qeghdin jintuzaw minn Christian X u dan minghajr hu qatt ma ta permess ghal dan. Ghalhekk l-fatt li wiehed jikkawtela d-drittijiet tieghu bil-mezzi legali zgur ma jistax jinghad li jkun hareg mandat b'malizzja jew li hi talba frivola u vestatorja u ghalhekk l-ebda garanzija m'ghandu jigi ordnat;

Ghal dawn ir-ragunijiet suriferiti l-esponenti bir-rispett jitlob sabiex din l-Onorabbli Qorti tichad it-talba tar-revoka tal-mandat ta' deskrizzjoni ghax ma hemm ebda pregudizzju lill-attrici u l-uniku pregudizzju li jista' jkun hemm huwa fil-konfront tal-esponenti.

Rat ir-replika ta' R T X tal-21 ta' Ottubru 2016 kif ukoll il-kontro-replika ta' D F X pprezentata fil-15 ta' Novembru 2016;

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-30 ta' Novembru 2016 fejn tat lill-partijiet zmien xahar sabiex jipprezentaw kopja tad-deskrizzjoni u jindikaw il-pretensjonijiet taghhom dwar l-oggetti elenkati fil-mandat ta' deskrizzjoni de quo;

Semghet it-trattazzjoni tar-rikors mid-difensuri tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament u rat il-provi u dokumenti kollha;

Rat l-atti kollha tar-rikors kif ukoll l-atti tal-mandat ta' deskrizzjoni bin-numru 217/2016;

Rat illi r-rikors thalla ghal-lum ghall-provvediment;

Ikkunsidrat;

Illi dan huwa rikors tal-attrici R T X ghar-revoka tal-mandat ta' deskrizzjoni mahrug fuq talba tal-konvenut D F X, abbazi tal-Artikolu 836(1)(f) kif ukoll ghall-hlas tal-penali ravvizat mis-subinciz (8) tal-istess Artikolu 836 u ghall-hlas ta' garanzija xierqa biex taghmel tajjeb ghall-hlas tal-penali li tista' tigi imposta, u danni u imghax, fin-nuqqas li l-mandat jigi revokat.

**<u>L-Art 836 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**

Il-Qorti tirrileva illi fi proceduri ta' din ix-xorta, m'ghandhiex tidhol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet ghaliex l-istharrig li hija obbligata taghmel huwa wiehed sommarju fuq bazi *prima facie* filwaqt li l-mertu jigi analizzat u determinat fil-kawza bejn il-partijiet dwar il-jedd pretiz fil-mandat. Kif jinsab ritenut[1]:-

"*… hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta` procedura preliminari li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja.*"

Jinghad ukoll illi dak li l-Qorti trid tasal ghalih f'dawn il-proceduri ma ghandux jitqies li jkun qed isir xi gudizzju fil-mertu, u fi proceduri bhal dawn jehtieg biss li l-Qorti tistharreg mad-daqqa t'ghajn li r-rekwiziti mitluba mil-ligi ghall-hrug tal-mandat jidhru mill-att innifsu, cioe` li r-rikorrent ghandu bazi ta' pretensjoni u li dan ma nharigx b'mod abbuziv[2]. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja ma ghandux jigi mxejjen jew imgarrab b'leggerezza u l-principju ulterjuri li kull persuna ghandha jedd li thares l-interessi taghha sakemm id-dritt sostantiv taghha jigi determinat definittivament[3].

**<u>L-Artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12</u>**

L-attrici bbazat it-talba taghha ghar-revoka tal-Mandat de quo fuq l-Artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12, li jistipola li mandat jigi revokat jekk jintwera li fic-

[1] **Joseph Camilleri vs Anthony Gove et -** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciz fl-10 ta` Mejju 2001.
[2] Qorti tal-Kummerc, 3 ta' Gunju 1994 - **Paul Hili et vs Dr. Joselle Farrugia nomine et.**
[3] **Technobroadcast Srl vs Mediterranean Broadcasting Limited** – Prim-Awla tal-Qorti Civili, deciza fil-5 ta' Gunju 2007.

cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu m'huwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.

In tema legali ssir referenza ghal dak ritenut mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili b'referenza specifika ghat-talba ghar-revoka bbazata fuq is-subinciz (f) tal-Artikolu 836(1), "Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ." **"Francis Spiteri v Charles Darmanin" -** (PA(JRM) - 25 ta' Awwissu 2010)

Gie wkoll ritenut illi:-

*"Is-success jew telfien ta` kwestjoni fil-mertu ma tista` qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nhareg b`mod vessatorju jew fieragh. Allura, fil-fehma ta` din il-Qorti, il-kwestjoni ta` jekk huwiex ragjonevoli li Mandat kawtelatorju jinzamm fis-sehh jew jekk huwiex mehtieg jew gustifikabbli li tali Mandat jinzamm fis-sehh ma tiddependi xejn mill-eventwali cahda tal-kawzali fil-mertu tat-talbiet ezekutanti. Illi jinghad ukoll li d-disposizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, wara l-hrug tal-Mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa` (ghal kollox jew in parti) fis-sehh. Din it-tifsira tohrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar mehtieg" li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m`ghadux il-kaz[4].*

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-iskorta tal-insenjament fuq citat, il-Qorti tirritjeni illi sabiex tintlaqa' talba ghar-revoka ta' mandat kawtelatorju fuq id-dispost tal-Artikolu 836(1)(f), ghandu jirrizulta lill-Qorti li mandat li kien ragjonevoli jew gustifikabbli *ab initio*, u issa m'ghadux. Sabiex issir din l-analizi wiehed irid iqis jekk meta tintalab ir-revoka tal-Mandat, ghadhomx jissussistu l-kundizzjonijiet ghall-hrug tal-Mandat li kienu vigenti meta nhareg l-istess Mandat.

Wara li qieset ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, kif ukoll ir-ritratti u x-xhieda tal-konvenut, il-Qorti hija tal-fehma li ma tirrizulta l-ebda raguni li twassalha sabiex taghti sostenn lill-attrici li titlob ir-revoka tal-mandat ta' deskrizzjoni abbazi ta'

---

[4] Jamar Malta Limited (C45236) Vs Office Group Limited (C39197) - Prim'Awla tal-Qorti Civili, moghti fl-10 ta` Awissu 2012 [Rikors Nru 688/2012JRM]. Ara wkoll Prim'Awla, 22 ta` Ottubru 2015 fil-kaz **George Cassar pro et noe vs Emanuel Falzon et.**

dan il-paragrafu (f) tal-Artikolu 836(1) u lanqas minhabba xi malizzja jew malafede da parti tal-konvenut.

Dan ghaliex, fil-fehma tal-Qorti, il-konvenut kellu kull jedd bit-talba tieghu ghall-hrug tal-mandat ta’ deskrizzjoni, jikkawtela l-pretensjoni tieghu ghal sehmu mill-mobbli sitwati fid-dar matrimonjali u li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, kif ukoll il-pretensjoni tieghu dwar il-mobbli parafernali tieghu, *multo magis* meta l-istess konvenut gie ordnat mill-Qorti jallontana ruhu mid-dar matrimonjali u biex jiehu mieghu biss l-affarijiet personali tieghu.

Il-Qorti tqis ukoll li l-fatt li l-attrici kienet qieghda twettaq xogholijiet estensivi fid-dar matrimonjali, anke jekk bl-awtorizzazzjoni taghha, ma jnaqqasx mid-dritt tal-konvenut li jistenna li jircievi, b’rizultat tal-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fil-kawza bejn il-partijiet dwar il-mertu tal-jedd pretiz fil-Mandat, dawk il-beni fid-dar matrimonjali li jistghu jigu assenjati lilu jew li jigu determinati li huma parafernali tieghu, u kwindi mid-dritt li jikkawtela f’dan l-istadju din il-pretensjoni tieghu. Lanqas l-assigurazzjoni li l-attrici tghid li tat lill-konvenut li ser tikkonserva gewwa l-fond matrimonjali dawk l-oggetti li huwa kien indika li jixtieq li jigu assenjati lilu, ma tnaqqas mill-interess li kellu l-konvenut li jitlob il-hrug ta’ dan il-Mandat ta’ deskrizzjoni.

Di pju`, ma ntwera bl-ebda mod iehor li l-konvenut ma kellux interess li jitlob il-hrug tal-Mandat *de quo*, wisq inqas li t-talba tieghu ghall-hrug tal-Mandat saret b’malizzja jew vessatorjament.

Fuq kollox, jinghad li dan m’huwiex il-forum idoneu biex il-Qorti tiddeciedi dwar il-konsistenza u likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-beni formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, jew tiddetermina jekk il-konvenut diga` nehhiex mid-dar matrimonjali sehmu intier mill-mobbli tal-komunjoni tal-akkwisti jew liema oggetti ser jigu assenjati lilu a saldu ta’ sehmu mill-komunjoni.

Ikkunsidrat;

L-attrici tallega ulterjorment li l-Mandat ta’ Deskrizzjoni *de quo* inhareg fuq talba tal-konvenut bil-hsieb li jfixkilha fix-xoghol ta’ rinovazzjoni u manutenzjoni prezentement ghaddej fid-dar matrimonjali, u dan ghaliex tghid li bosta mill-oggetti indikati fil-Mandat li huma tal-konvenut, huma bla valur u qed ikunu ta’ ingombru ghat-twettiq tax-xogholijiet. Dwar dan l-aspett, il-Qorti filwaqt li tirribadixxi li l-hrug tal-Mandat ta’ Deskrizzjoni *de quo* intalab mill-konvenut espressament biex jikkawtela sehmu mill-mobbli formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, tosserva ulterjorment li gie ppruvat sodisfacjentement mill-provi

akkwiziti f'dawn il-proceduri, illi diversi oggetti li l-attrici indikat li qed ikunu ta' ingombru u tfixkil ghall-ezekuzzjoni tax-xogholijiet fid-dar matrimonjali, lanqas jappartjenu lill-konvenut izda lil bin il-partijiet.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Jinghad illi kull mandat, fih innifsu, johloq inkonvenjent jew diffikulta`, xi drabi anke serja, ghad-debitur, izda dan il-fatt wahdu qatt ma jista' jkun sufficjenti biex iwassal ghar-revoka tal-Mandat jew biex ixejjen id-dritt tal-kreditur li jikkawtela l-pretensjoni tieghu.

Il-Qorti tosserva wkoll illi fil-kors tad-depozizzjoni tieghu f'dawn il-proceduri, il-konvenut iddikjara li l-maggor parti mill-oggetti indikati fir-ritratti esebiti fl-atti ta' dawn il-proceduri[5], ma jappartjenux lilu jew jekk jappartjenu lilu, jistghu jigu mormija ghajr, b'mod generali, ghal rota, pultruna u sufan, siggu u sodda tat-tfal, mejda u librerija[6]. F'dan il-kuntest, il-Qorti tinnota li huma proprju dawn l-oggetti donnhom bla valur, indikati mill-konvenut li ma jappartjenux lilu, u mhux l-oggetti li l-konvenut indika li jappartjenu lilu (*supra*), li jidher li qed ikunu ta' xkiel u ingombru fid-dar. Fil-fatt, l-attrici taqbel li hija lesta zzomm fid-dar matrimonjali diversi oggetti tal-konvenut li huma ta' certu kobor, fosthom il-librerija, xkafef u kaxxi, u ma jidhrix li dawn qed ikunu ta' xkiel ghax-xogholijiet. Madanakollu, l-attrici ma wriet bl-ebda mod la li l-oggetti indikati fir-ritratti esebiti minnha[7] a fol. 14 *et seq*. jappartjenu lill-konvenut u lanqas kif dawn ser iwaqqfu x-xogholijiet li qed isiru fid-dar u li m'huwiex possibbli li dawn jingarru minn kamra ghal kamra. Il-procedura stabbilita mill-Legislatur ghar-revoka tal-mandati kawtelatorji ma hiex intiza sabiex jitnehha inkonvenjent izda ghal ragunijiet ferm aktar serji minn hekk.

Il-Qorti, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, tissottolinea illi l-procedura tar-revoka tal-Mandat m'ghandiex tintuza bhala mezz biex iggieghel, f'dan il-kaz, lill-konvenut inehhi xi mobbli minn god-dar matrimonjali qabel il-process tal-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, jew biex tissanzjona r-rimi ta' mobbli tal-komunjoni, meta din il-kwistjoni ma ghandha x'taqsam assolutament xejn mal-Mandat ta' Deskrizzjoni jew mar-revoka tieghu. Jigi ribadit li m'hijiex il-funzjoni tal-Qorti fil-procedura ghar-revoka ta' mandat kawtelatorju a tenur tal-Artikolu 836(1), li taghti ordnijiet li jimpingu fuq id-determinazzjoni fil-mertu tal-jedd pretiz fil-Mandat fosthom, f'dan il-kaz, ordnijiet lil xi wahda mill-partijiet biex tohrog xi mobbli mid-dar matrimonjali jew biex jintremew xi oggetti.

---

[5] Oggetti li jidhru fir-ritratti esebiti a fol. 31 *et seq*.
[6] Oggetti li jidhru f'Dok. D4,Dok. D10 u D11, u fir-ritratti a fol. 45 u 47.
[7] Dok. B mar-rikors promotur.

Mizmum ferm il-premess, u anke sabiex tigi indirizzata l-allegazzjoni li ghamlet l-attrici fil-korp tar-rikors promotur illi l-mandat m'huwiex *prima facie* gustifikat[8], il-Qorti tqis li fic-cirkostanzi, il-Mandat inhareg ghal raguni tajba u ma kienx vessatorju.

Ikkunsidrat;

Rigward it-talba tal-attrici msejsa fuq l-Artikolu 836(1)(f), il-Qorti tqis li mizmum ferm dak kollu fuq premess, ma jirrizultax illi kien hemm xi bidla sostanzjali fic-cirkostanzi mid-data li fiha nhareg il-Mandat ta' Deskrizzjoni, li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' in vigore. Il-Mandat inhareg fit-13 ta' Settembru 2016 filwaqt illi r-rikors promotur attrici gie prezentat biss gimgha wara, fl-20 ta' Settembru 2016. Jidher li fid-dar matrimonjali sal-lum ghad hemm bosta oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet kif ukoll parafernali tal-konvenut, u hlief ghall-fatt li l-konvenut wera li hemm hafna imbarazz fid-dar li ma jappartjenix lilu, kif ukoll wera d-dispozizzjoni tieghu li johrog uhud mill-oggetti li jappartjenu lilu, ma jirrizultax li l-Mandat ma ghadux mehtieg jew gustifikat. Il-konvenut ghandu u ghad ghandu d-dritt li jikkawtela l-pretensjonijiet tieghu fuq il-mobbli li hemm fid-dar matrimonjali u dan sakemm jintwera li ghad hemm fl-istess dar mobbli li ghad irid jigu likwidati u assenjati fil-kawza dwar il-jedd pretiz fl-imsemmi Mandat.

Ghalhekk, it-talba attrici ghar-revoka tal-Mandat taht l-Artikolu 836(1)(f) ma hijiex gustifikata u qed tigi respinta.

**<u>L-Artikolu 836(8)(d) tal-Kapitolu 12</u>**

L-attrici talbet lill-Qorti sabiex timponi penali fuq il-konvenut a tenur tal-Artikolu 836(8)(d). L-Artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 jaghti diskrezzjoni lill-qorti li tikkundanna lill-persuna li tkun ipprezentat l-att kawtelatorju, thallas penali a favur tal-persuna li kontriha jkun gie prezentat l-att, u dan fl-erba' kazijiet indikati f'paragrafi (a) sa (d) tal-istess Artikolu. Dwar dan l-Artikolu inghad hekk:-

"Illi dwar il-kwestjoni tal-impozizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltattiva. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali.

Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultattiva, irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta.

[8] Paragrafu 13(b) tar-rikors promotur.

…

Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirrizultaw l-estremi li l-ligi tezigi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuz."[9]

Gie ritenut ukoll illi galadarba l-imposizzjoni tal-penali hija sanzjoni punittiva, ic-cirkostanzi indikati fl-erba' paragrafi tal-Artikolu 836(8) ghandhom jitqiesu strettament bhala tassattivi[10]. Il-Qorti tqis ukoll illi l-fatt wahdu li ma tkunx inghatat raguni tajba ghar-revoka tal-Mandat ma jfissirx li, jekk kemm-il darba tikkonkorri xi wahda minn dawk ic-cirkostanzi indikati fl-Artikolu 836(8), il-Qorti ma ghandhiex tilqa' t-talba ghall-hlas tal-penali.

Jinghad ulterjorment illi generalment, l-abbuz mill-procedura gudizzjarja jirrizulta biss f'kazijiet eccezzjonali li jintrabtu b'mod generali mal-qerq tal-persuna li tkun irrikorriet ghaliha jew mal-frugha tal-pretensjoni nnfisha.[11]

Ikkunsidrat;

Illi l-paragrafu (d) jghid li l-Qorti tista' timponi penali:-

"*… jekk it-talba tar-rikorrent tkun wahda li ssir b`malizzja, tkun frivola jew vessatorja.*"

Il-Qorti tqis illi ma tressqux provi jew argumenti tajbin bizzejjed f'dawn il-proceduri biex juru li l-Mandat hareg vessatorjament, b'hazen jew b'malizzja da parti tal-konvenut. Il-Qorti timxi fuq il-massima li l-*buona fede* hija prezunta u li l-malafede jrid jigi ppruvat, u fil-kaz odjern u ghall-istess ragunijiet imfissrin fil-kunsiderazzjonijiet dwar ir-revoka tal-Mandat abbazi tal-Artikolu 836(1)(d) u (f), ma tarax li *prima facie* l-mandat kontra l-attrici kien frivolu, vessatorju jew malizzjuz b'tali mod li ghandu jwassal ghas-sanzjoni tal-penali.

Ghaldaqstant, it-tieni talba tal-attrici qed tigi wkoll respinta.

## L-Artikolu 838A - Garanzija

[9] **Jamar Malta Limited vs Office Group Limited –** PA(JRM)- 4 ta' Mejju 2012.
[10] **Emanuel Farrugia v C & F Building Contractors Limited** – PA(JRM) - 14 ta' Awwissu 2014.
[11] **Paul Attard *noe.* v. Loreto Abela** – PA (JRM) 5 ta' Mejju 2005.

L-attrici, fit-tielet talba, titlob sussidjarjament li l-konvenut jigi ordnat jaghti garanzija xierqa sabiex jaghmel tajjeb ghall-penali u ghad-danni u imghax li l-attrici tista' ssofri f'kaz li l-mandat ma jigix revokat.

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti tqis li r-rimedju tal-ghoti tal-garanzija huwa alternattiv ghat-talba tar-revoka tal-Mandat, u jista' jinghata biss jekk kemm-il darba t-talba ghat-thassir tal-Mandat ma tintlaqax, lanqas parzjalment, u kwindi sakemm il-Mandat ikun b'xi mod ghadu in vigore[12]. Oltre dan, biex tigi imposta s-sanzjoni tal-hlas ta' garanzija tajba, il-ligi tesigi wkoll li tintwera "kawza gusta" li ghandha tikkonsisti f'raguni serja u impellenti li tmur oltre l-fatt wahdu li jkun nhareg il-Mandat kawtelatorju jew il-fatt li l-Mandat ikun qed jirreka xi diffikoltajiet lid-debitur.

Fid-decizjoni fl-ismijiet **Mediterranean Film Studios v. Albert Galea et**, gie ritenut hekk fir-rigward:-

"Il-fatt li nhareg mandat kawtelatorju kontra (r-rikorrenti) mhux bizzejjed biex jitlob din il-garanzija. Dan il-fatt wahdu mhux il-kawza gusta li trid il-Ligi. Li kieku kien hekk, il-Ligi kienet tghid li kull min inhareg mandat kontra tieghu ghandu jinghata garanzija, izda l-Ligi trid ukoll, barra l-hrug tal-mandat, li jkun hemm kawza gusta…"[13]

Ikkunsidrat;

Mizmumin ferm dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, kif ukoll il-fatt li (i) il-konvenut talab il-hrug tal-Mandat in kawtela tal-pretensjonijiet tieghu u entro l-limiti tal-jeddijiet tieghu, u (ii) ma jidhrix li qed isir abbuz minn din il-procedura billi l-istess Mandat la kien fieragh u lanqas vessatorju , il-Qorti tqis li m'hemmx ragunijiet tajbin u ma jirrizultawx l-estremi ghall-ordni mitlub mill-attrici taht l-Artikolu 838A. Inoltre, billi t-talba ghall-hlas tal-penali giet respinta, u ma jirrizultax mill-atti d-danni li l-attrici tghid li tista' ssofri minhabba l-hrug tal-Mandat, it-talba ghall-imposizzjoni tal-garanzija ghall-hlas ta' penali u danni, mhijiex qed tintlaqa''.

Ghaldaqstant, il-Qorti tichad ukoll it-tielet talba attrici.

---

[12] Ara l-provvediment moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet **Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Limited** fl-30 ta' Mejju 2002.

[13] Deciz mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 2000. Ara wkoll **Elton Penza et vs Terra Mediterranea Ltd** - Appell - 11.07.2017

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tiddisponi mir-risposta tal-konvenut bil-mod kif hawn deciz, tichad it-talbiet kollha tal-attrici imressqa bir-rikors in dizamina bl-ispejjez ta' dan l-episodju a karigu tar-rikorrenti.

**Imhallef** **Deputat Registratur**